MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Numru. 216/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**V**

**GUDA TADDEUS sive TEDDY RAPA**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **GUDA TADDEUS sive TEDDY RAPA** ta' tlieta w hamsin sena, bin Paul u Salvina nee Mizzi, imwieled Victoria, Ghawdex nhar t-tnejn ta' Lulju 1951 u residenti 131, Triq t-Tabib Anton Tabone, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 45751G gie mressaq quddiemha akkuzat talli wara li ghamel xoghol ta' bini fi Triq Tax-Xghajma, Nadur, Ghawdex, minghajr ma mexa skond l-permess u wara li kien gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] fid-dsatax ta' Novembru 1997, w ikkundannat jhallas mitt lira maltin multa w ordnat biex iwaqqa dan x-xoghol ta' bini li sar

minghajr l-permessi mehtiega fi zmien tlett xhur taht penali ta’ hamsa w ghoxrin lira maltin kuljum fin-nuqqas u wara li l-Appell tieghu kien gie michud mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif preseduta mill-Onor. Prim Imhallef Vincent Degaetano fis-sitta w ghoxrin ta’ Gunju 1998, naqas li jikkonforma ruhu mal-ligi w ghaldaqstant hija mitluba s-somma ta’ sebgha u hamsin elf u tlett mitt lira maltin [LM57,300] bhala penali ta’ elfejn mitejn tnejn u disghin [2292] jum mis-sitta w ghoxrin ta’ Ottubru 1998 u dan salv penali ohra ulterjuri.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Ex Supretendent Salvu Galea, lil Ispettur Antonello Grech, lil Mark Cini rappresentant tal-MEPA u lil Dottor Alfred Grech bhala xhud tad-difiza.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Ikkunsidrat:

Illi din l-kawza tikkoncerna biss ordni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Gunju 1998 b’sentenza moghtija fl-ismijiet premessi fejn l-imputat gie ordnat iwaqqa bini li kien sar minghajr l-permessi mehtiega u dan fi zmien tlett xhur minn meta nghatat s-sentenza fuq citata taht penali ffissata minn dik l-istess Qorti fin-nuqqas.

Il-Qorti ezaminat din l-istess sentenza esibita fl-atti, liema sentenza giet konfermata fil-konfront tal-identita tal-imputat odjern kemm mill-Ex Supretendent Salvu Galea kif wkoll mill-Ispettur Antonello Grech w ghalhekk din il-Qorti m’ghandhiex dubbju li din s-sentenza verament nghatat fil-konfront tal-imputat odjern.

Il-prosekuzzjoni sostniet li l-bini in kwistjoni ghadu hemm sa llum kif del resto ikkonferma r-rappresentant tal-MEPA w ghalhekk din il-Qorti m’ghandiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta’ din l-akkuza.

Illi huwa minnu wkoll li bhala fatti tal-kawza, dawn ma gewx kontestati.

Id-difiza bbazat d-difiza taghha fuq tlett binarji.

Fl-ewwel lok sostniet li c-citazzjoni kif postulata ma tistax treggi ghaliex il-figuri u l-kliem tal-penali msemmija fic-citazzjoni ma jaqblux.

Illi huwa minnu li wara li bdiet t-trattazzjoni taghha, l-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-akkuza f'dan is-sens u l-Qorti kienet laqghet t-talba w ordnat li ssir l-korrezzjoni.

Din il-Qorti laqghet t-talba tal-prosekuzzjoni ghaliex, skond l-artikolu 362(2) tal-Kap 9, citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka w ghandu jkun fiha, fil-qosor, l-fatti tal-akkuza partikolaritajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.

Issa l-korrezzjoni kif mitluba u milqugha, ma biddlet xejn minn dan, tant li kemm il-persuna imputata baqghet l-istess kif wkoll l-fatt inkriminat w it-titolu tar-reat u kien appuntu ghalhekk li din t-talba ghal korrezzjoni giet milqugha.

Illi ghalhekk, tali eccezzjoni f'dan l-istadju hija superfluwa u l-Qorti ma thossx li ghandha tikkumenta ulterjorment dwarha.

Id-difiza sostniet wkoll li l-prosekuzzjoni ma ressqitx l-ahjar prova dwar l-identita tal-imputat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fuq citata.

Bir-rispett kollu, l-Qorti ma taqbel xejn ma din s-sottomissjoni, ghaliex il-prosekuzzjoni ressqet kemm lil Ex Supretendent Salvu Galea jixhed u jghid li gharaf lil imputat odjern bhala l-istess persuna bhala dik li huwa ressaq l-Qorti, dwar l-akkuzi ta' bini llegali u kontra min inghatat s-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati, pero qal wkoll li meta s-sentenza tal-Magistrat giet appellata w inghatat s-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, huwa ma kienx

ghadu fil-Korp tal-Pulizija u kien ghalhekk li l-pProsekuzzjoni ressqet lil Ispettur Antonello Grech jixhed u jghid li huwa kien l-Ufficjal Prosekutur fis-sentenza li finalment kienet inghatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet premessi nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Gunju 1998 u li gharaf lil imputat odjern bhala l-istess persuna imputata f’dik is-sentenza.

Konsegwentement, din d-difiza qed tigi michuda wkoll.

Id-difiza sostniet wkoll bla pregudizzju ghal eccezzjonijiet minnha gia sollevati, li l-imputat ma setghax jesegwixxi l-ordni tal-Qorti a bazi tal-principju *nemo tenetur ad impossibilia*.

Id-difiza ressqet lil Dottor Alfred Grech sabiex tipprova lil Qorti li l-proprjeta li ghandha tigi demolita, ma hiex tal-imputat, izda ta’ socjeta u peress li ghandu relazzjoni hazina mas-socju l-iehor tas-socjeta, Rapa Showrooms Co. Limited, u cioe ma huh, ma setghax jobdi l-ordni tal-Qorti ghaliex kien imbezzgha minnu tant li m’ghadx ghandu access ghal din il-proprjeta.

Id-difiza sostniet wkoll li l-proprjeta msemmija fis-sentenza fuq citata, ma tappartjenix lil imputat, izda lis-socjeta Rapa Showrooms Co. Limited u li ghalhekk semma dik s-sentenza messha inghatat fil-konfront tas-socji kollha ta’ dik is-socjeta.

Ikkunsidrat:

Illi bir-rispett kollu lejn d-difiza, l-prosekuzzjoni f’dan t-tip ta’ akkuzi, trid tipprova zewg affarijiet biss. Wahda li nghatat sentenza finali minn Qorti fil-konfront tal-bniedem akkuzat u fit-tieni lok, li l-ordni moghtija minn dik l-Qorti ma gietx esegwita.

Issa f’dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni, ma hemmx dubbju li ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi, li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat sentenza fil-konfront tal-imputat odjern nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Gunju 1998 u permezz tax-xhieda ta’

Mark Cini bhala rappresentant tal-MEPA li l-bini llegali fis-sentenza fuq citata, kien ghadu hemmhekk sal-gurnata meta xehed u cioe nhar s-sittax ta’ Marzu 2006.
L-argument imressaq mid-difiza u cioe li l-proprjeta in kwistjoni ma tappartjenix lil imputat wahdu, ma hiex difiza f’din il-kawza, setghet kienet biss difiza fil-kawza originali qabel ma nghatat s-sentenza u dan ghaliex din il-Qorti ghandha biss kawza dwar non ottemperanza ta’ ordni ta’ Qorti. Id-difiza ta’ min tghajjat il-proprjeta in kwistjoni messha inghatat fil-kawza originali li llum tinsab *res judicata* b’sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Din il-kawza hija biss fuq kwantifikazzjoni ta’ penali.

Mhux kompitu ta’ din il-Qorti li tidhol u tara lil min jghajjat l-bini li l-imputat gie ordnat iwaqqa izda li tara li l-ordnijiet taghha jigu esegwiti.

Il-Qorti tirrileva wkoll li din m’hiex kwistjoni ta’ *nemo tenetur ad impossibilia* ghaliex l-imputat ma ghamel xejn sabiex jipprova jobdi l-ordni tal-Qorti. Ma jidhirx mill-atti li l-imputat qatt talab l-assistenza tal-pulizija ai fini tal-boun ordni sabiex jesegwixxi l-ordni tal-Qorti. Strah biss fuq il-fatt li minghalih, ghaliex ghandu relazzjoni hazina ma huh, allura setgha ma jobdix tali ordni gudizzjarja.

Id-difiza sostniet wkoll li l-prosekuzzjoni naqset li ggib l-ahjar prova li effettivament l-imputat ma hallasx l-penali li gie kkundannat jhallas u dan ghaliex ma ressqet lil ebda rappresentant tal-Qorti sabiex jghid li l-penali ma thallsitx.

Il-Qorti ma din s-sottomissjoni lanqas ma taqbel ghaliex hawnhekk m’ghandhiex talba ghal konversjoni ta’ penali mhux imhallsa biex tigi konvertita ghal prigunerija, izda talba biex tigi likwidata l-penali dovuta. Kien f’dak il-kaz li kien jispetta lil prosekuzzjoni tressaq rappresentant tal-Qorti biex jikkkonferma dan in-nuqqas, izda ghandha talba tal-prosekuzzjoni biex il-Qorti tikkonverti l-penali fuq ammont gia ffissat fis-sentenza li tinsab *res judicata*.

F’dan il-kaz il-Prosekuzzjoni ressqet lil Ispettur Antonello Grech jixhed u jikkonferma li mill-verifiki li ghamel hu, l-penali ma thallsitx. Din x-xhieda guramentata tal-Ispettur

li ma kienetx michuda mill-imputat, hija bizzejjed biex tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-penali ma thallsitx sa dak l-mument.

Il-Qorti rat d-doumentazzjoni kollha esbita mid-Difiza u thoss li ai fini ta' din il-kawza, m'hiex relevanti.

**Ghalhekk, il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 17(3) tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat GUDA TADDEUS sive TEDDY RAPA hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah ihallas penali ta' sebgha u hamsin elf u tlett mitt lira [LM57,300] bhala penali ta' elfejn mitejn tnejn u disghin [2292] jum mis-sitta w ghoxrin [26] ta' Ottubru 1998 salv kull penali ghal nuqqas ulterjuri.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------